**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR7/IX/2024**

**It-Tnejn, 30 ta' Diċembru, 2024 fid-09:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Skużati:**
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**7.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**7.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

7.2 Inqraw l-ittri t'apoloġija tal-membri skużati.

## 7.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

7.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 6 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

7.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

7.3.3 Rigward nota 6.6.3, il-membru Debrincat ġibed l-attenzjoni li dan ir-resident ser japplika għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita'.

7.3.4 Dwar il-proposta sabiex issir magna tal-BCRS, l-membru Debrincat issuġġerixxa li din issir wara l-piċċ tal-boċċi fi Triq it-Tabib Anton Tabone minflok kif issuġerit f'nota 6.16.9, fil-H.E. taċ-Ċawla. Il-membri qablu. Qablu wkoll li jintalab ukoll li jkollhom CCTV.

7.3.5 Dwar it-tneħħija tal-bins il-blu li fihom jinġabru l-ħwjjeġ, il-membru Schembri ġibed l-attenzjoni li dawn għadhom hemm u huma magħluqin bil-konsegwenza li qed jitfgħu il-ħwejjeġ fl-art madwarhom. Il-Kunsill għandu jara li dawn jitneħħew kemm jista' jkun malajr.

7.3.6 Inġibdet l-attenzjoni li l-avviżi tal-*weekend break* li ġie organizzat f'Diċembru, ma waslux fid-djar kollha. Il-Kunsill irid jara li l-avviżi jitqassmu f'kull residenza.

7.3.7 Il-minuti ġew approvati.

## 7.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

7.4.1 Rigward il-ħruġ tal-permessi tal-iskema tal-ipparkjar fir-Rabat (żona A), is-Sindku qal li ġie avviċinat mis-Supretendent tal-Pulizija rigward permess li mhux suppost inħareġ peress li ta min hu mhux resident ir-Rabat. Dan ser jinġabar lura minn naħħa tal-Pulizija. Is-Sindku tenna li dawn il-permessi jinħarġu biss lir-residenti Rabtin kif diġa' saħaq fil-laqgħa ta' Novembru li għadda. Qal ukoll li permessi oħra li jinħarġu temporanji jgħaddu mill-iskrutinju tiegħu. Dawn jistgħu ikunu ħaddiema bħal *electricians* u bajjada li jkunu jaħdmu fi djar fir-Rabat. Dawn jinħarġilhom permess temporanju li jkun ikopri biss iż-żmien li jkunu qed jaħdmu fir-Rabat. Eżempju ieħor hu meta emigranti jiġu minn barra għall-btala u jkunu ħa jgħixu fir-Rabat għaż-żmien tal-btala. Il-membri qablu.

7.4.2 Is-Sindku rċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill għad-Drittijiet tat-Tfal. Intalab li ssir laqgħa miegħu rigward li jiġi stabbilit Kunsill Lokali tat-Tfal. Il-materja ġiet diskussa fil-qasir bejn il-membri. Is-Sindku qal li t-tfal għandhom jibqgħu stmati ta' tfal u l-bogħod mill-politika meta jkunu għadhom ta' eta' tenera. Il-membri qablu ma dan.

7.4.3 Is-Sindku ressaq korrispondenza li ntbgħatet mill-Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, datata 10 ta' Diċembru 2024 rigward l-imwejjed u s-siġġijiet ta' Pjazza San Ġorġ. Din intbgħatet lill-Ministri Clint Camilleri, Stefan Zrinzo Azzopardi u Ian Borg. Is-Sindku kien ikkupjat. L-Arċipriet ġibed l-attenzjoni li mill-laqgħa tal-21 ta' Ġunju 2024 'l hawn ma ttieħdet ebda' azzjoni. Il-Ministru t'Għawdex u l-Ippjanar irrisponda dritt u għadda l-emejl lis-Supretenent tal-Pulizija fejn wera li jaqbel u talab lis-Supretendent sabiex jittieħdu l-azzjonijiet neċessarji skond il-liġi u b'mod perjodiku. Jaqbel li jsiru l-marki li jindikaw l-postijiet tal-imwejjed u s-siġġijiet b'kordinament mal-Awtorita' tal-Artijeit u l-Kunsill Lokali u lest li jkopri l-ispiża. Minn naħa tiegħu, s-Supretendent tal-Pulizija għadda l-imejls lill-Awtorita' tal-Artijiet u lill-MTA. Hu offra l-assistenza tal-Pulizija f'kull azzjoni li tista' tittieħed minn naħa ta' dawn l-Awtotirajiet. Minn naħa tal-MTA taqbel li jsiru l-marki fl-art ta' l-*encroachments* eżistenti u lesta li toffri wkoll l-assistenza neċessarja. L-Awtorita' tal-Artijiet għadha ma rrispondietx. Il-Kunsill kien talab kopja tal-*encroachments* li hemm fi Pjazza San Ġorġ lill-Awtorita' tal-Ippjanar, pero' dawn qatt ma ntbagħtu. Il-Kunsill Lokali m'għandux awtorita' ta' infurzar.

7.4.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li fetaħ il-wirja tal-presepji mtella fil-kunvent tal-Patrijiet Agostinjani mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepji.

**7.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

7.5.1 Inħareġ il-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar rigward *bring-in site* ġdida fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex.

7.5.2 Inħareġ il-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar rigward ir-restawr tat-tlett statwi li hemm mal-kunvent tal-Kapuċċini. Din relatata mal-iskema tal-Ministeru għal Għawdex għar-restawr ta' siti storiċi. Il-membri ġew mgħarrfa li għad ma ħarġux ir-riżultati ta' din l-iskema. Sadanittant il-membri qablu li jinbeda l-proċess biex tinħaeġ l-offerta tar-restawr.

Tressqet korrispondenza mingħand:-

7.5.3 id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali – Ċirkulari 06/2024 – Allokazzjoni Finanzjarja għall-2025. L-allokazzjoni tal-Kunsill hi ta' €618,565.00 li €10,000.00 minnhom hi fond t'aġġustament peress li r-Rabat hi Belt. Is-Sindku qal li għandna niġbdu l-attenzjoni fir-rigward tal-fond t'aġġustament fejn il-lokalita' tagħna li tilqa' lil kull min iżur lil Għawdex, tieħu l-ammont minimu minn dan il-fond. Ta' min jinnota wkoll li mill-fond tal-Lokalitajiet Turistiċi lanqas hemm allokat għar-Rabat. Il-membri qablu;

7.5.4 l-Awtorita' tal-Ippjanar rigward is-'Summer Breaktime 2025' li tindika toroq li fihom ma jistax isir skavar u twaqqih ta' bini matul il-ġranet tas-sajf;

7.5.5 il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq fejn intalbet konferma fuq it-tismija ta' Trejqet Fra Baskal Farrugia, fuq id-dettalji tan-nomenklatura Qaddej t'Alla u data tat-twelid u tal-mewt. Dawn ġew ikkonfermati wara li l-Kunsill staqsa lill-Gwardjan tal-Kapuċċini;

7.5.6 id-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar rigward l-applikazzjonijiet biex jiġu organiżżati attivitajiet fl-Għid f'Għawdex;

7.5.7 l-Assistent Prinċipal Galea fejn għarraf lill-Kunsill li ser jirriżenja mill-kariga tiegħu peress li ser jiġi mpjegat mar-Reġjun Għawdex. Hu rringrazja lill-Kunsill ta' dawn l-14-il sena u għaxar xhur li ilu mpjegat mal-Kunsill;

7.5.8 residenta mill-isqaq ta' Triq Mons. Ġużeppi Farrugia li għarrfet lill-Kunsill b'tabella li twaħħlet minn stabbiliment ġdid bl-isem Nomad. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saru l-ilmenti lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

7.5.9 Iċ-Ċittadella Folk Group rigward ir-rappreżentanza tal-grupp folkloristiku li pparteċipa fil-fiera ta' Nichelino f'Settembru li għadda. Qalu li l-ekwita' titlob li l-gruppi folk interessati li jipparteċipaw għandhom jittellgħu bix-xorti. Il-Kunsill dejjem jagħti opportunita' lil kull grupp folk li hawn fir-Rabat. Ta' min jinnota li ċ-Ċittadella Folk Group ipparteċipa f'festival f'Kucevo fis-Serbia s-sena li għaddiet u kien propju il-Kunsill li ta lil dan il-Folk Group din l-opportunita'.

**7.6 Immaniġjar tat-Traffiku**

Transport Malta (TM) approvat:-

7.6.1 *one metre double yellow lines* quddiem l-entraturi ta' 'Vella' fi triq Għajn Qatet;

7.6.2 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' permanenti fi Triq Mary Meilaq.

TM m'approvatx:-

7.6.3 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' personalizzat quddiem 'Ave Maria' fi Triq Dawwara;

7.6.4 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' personalizzat quddiem 104, fi Triq Sant' Ursola;

7.6.5 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' personalizzat quddiem Flat 2, Blokk HB, Triq taċ-Ċawla;

7.6.6 sinjali u tabelli ġodda u addizjonali ma dawk li hemm fi Triq Patri Manwel Magri.

7.6.7 Intalab il-permess ta' TM għall-*double yellow lines* mal-entratura tal-garaxx ta' 68, Triq il-Kunsill Ċiviku n-naħħa tal-lemin.

7.6.8 Inġibdet l-attenzjoni rigward ipparkjar fi sqaq ta' Triq it-Tomba. Billi min qed joġġezzjona m'għandux bieb jagħti għal dan l-isqaq, il-membri qablu li l-oġġezzjoni għandha tinġab ukoll bil-miktub mir-residenti li għandhom aċċess minn dan l-isqaq.

7.6.9 Il-Kunsill talab il-permess ta' TM permezz ta' pjanta tal-Perit, sabiex fi Triq Sant Indirja jiġi mmarkat parkeġġ ta' vettura, parkeġġ għall-mutur u jkun hemm aċċess għall-isqaq.

7.6.10 Tressqu ritratti li juru vetturi pparkjati fuq il-bankini l-wiesgħa ta' Triq Palma. Dawn juru l-bżonn ta' aktar parkeġġi f'din it-triq anke'meta jitqies li xorta jiqa' spazju biżżejjed għall-pedonali u *wheelchairs*.

**7.7 Playing Field – update**

7.7.1 Is-Sindku qal li nbdew il-kuntatti mal-Enġinier Cordina biex tinħadem is-sistema tad-dawl u tas-CCTVs għall-playing field. Dan biex ix-xogħol jiddaħħal fl-istima finali u tkun tista' ssir l-applikazzjoni għall-fondi.

7.7.2 Il-Perit qed jaħdem fuq it-tieni draft tal-pjanta fejn ħa jiddaħħal ukoll ġibjun għall-ħażna tal-ilma.

**7.8 Proġett Pjazza Santu Wistin – update**

7.8.1 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-Perit qed iħejji l-BOQs ta' dan il-proġett sabiex jitressaq quddiem il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

7.8.2 Trid issir l-*Archaeological Trial Pit Investigation*.

7.8.3 Għandha ssir laqgħa mas-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali fejn jiġi spjegat il-proġett.

**7.9 Data – Laqgħa tal-Lokalita'**

7.9.1 Il-membri qablu li l-laqgħa tal-lokalita' ssir nhar il-Ħamis, 6 ta' Frar, 2025, fis-sala tal-Kunsill fis-18:00.

**7.10 Offerta – Tindif ta' Toroq**

7.10.1 Mit-tieni offerta li nħarġet għas-servizz tat-tindif ta' toroq ma kien hemm ħadd eliġibli u ż-żmien tal-appell għadda.

7.10.2 Il-membri qablu li din terġa toħroġ għat-tielet darba fil-bidu ta' Jannar 2025.

**7.11 *Bollards* Pjazza Indipendenza**

7.11.1 Tressaq ir-rapport tal-bord ta' evalwazzjoni. Kien hemm tmin offerti. Tlieta minnhom kienu eliġibbli.

7.11.2 Il-membri qablu li l-offerta tingħata lill-Anton Zarb peress li hu l-orħos u l-prodott li offra intogħġob kemm fid-dehra u kemm fil-kwalita'.

**7.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

7.12.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Diċembru 2024, skont dokument A anness.

**7.13 Xogħolijiet oħra**

7.13.1 L-offerta tat-tindif tal-latrini ser tgħalaq fl-24 ta' Frar 2025. Is-Sindku qal li qabel toħroġ offerta oħra ser isiru diskussjonijiet mad-Direttur Eko-Għawdex peress li qabel kienu offrew il-possibilita' li l-latrini jkunu jitnaddfu minn impjegati ta' dan id-Direttorat u l-Kunsill Lokali jħallas tas-servizz. Aktar dettalji jingħataw wara li jerġa jiġi diskuss s-suġġett mad-Direttur.

7.13.2 Il-membri qablu li tinħareġ l-offerta għas-servizz tal-ġbir ta' skart goff peress li l-offerta ser tagħlaq.

7.13.3 Tressaq l-*opening report* tal-offerta tal-kameras relatata mal-iskema tal-Lokalitajiet aktar sikuri. Hemm ħames offeranti. Il-bord tal-aġġudikazzjoni se jkun iffurmat minn William Sultana, ċermen, Miriam Attard, segretarja l-Eng. Mario Cauchi, l-Accountant Daniel Galea u Fabian Galea membri.

7.13.4 Il-kuntrattur li ħa l-offerta tax-xiri ta' *litter bins* offra alternattiva ta' *bins* li huma *in stock* peress li l-*bins* magħżula mill-Kunsill ser ikunu fis-suq fit-tieni ġimgħa ta' Frar tal-2025. Il-membri qablu li jinxtraw il-*litter bins* li l-Kunsill kien qabel fuqhom oriġinarjament.

7.13.5 Tressqet pjanta tal-Perit li turi t-tibdil li jista' jsir fil-belvedere ta' Qasam San Ġorġ sabiex il-post jiġi *upgraded.*

7.13.6 Il-membri approvaw il-*vacation leave* pendenti tal-impjegati tal-Kunsill.

7.13.7 Il-membri qablu li jekk ma jinstabx impjegat addattat mis-sejħa li bħalissa għandu il-Kunsill għall-Assistent Prinċipali full time fuq skala 11, jinbeda l-proċess sabiex tinħareġ sejħa għall-skrivan full time fuq skala 15.

7.13.8 Il-membri qablu li ssir bozza ġdida fi Triq Sir Paul Boffa ma 'Ta'Ġużepp Court'.

7.14 **Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fin-12:30 u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, il-Ġimgħa, 31ta' Jannar , 2025.

| | |
|---|---|
| Brian Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |